Variation Bail

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. A. Demicoli**

**Diff: 23/05/2007**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Tonna)**

**-vs-**

**Andrea**

**Rikors ta'**

**Jesponi bir-rispett;**

Illi l-esponent inghata l-helsien mill-arrest u fost il-kundizzjonijiet imposti hemm il-kundizzjoni li huwa ma jistax isiefer minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u li jiffirma fl-Ghassa tad-Distrett kull nhar ta' Gimgha.

Illi l-esponent jirrileva li huwa jahdem bhala Information Management Officer, mal- Ministeru ta' l- Izvilupp Urban u Toroq u ta' spiss dan l-impjieg jirrikjedi li huwa jsiefer.

Illi dwar il-kundizzjoni tal-iffirmar l-esponent jirrileva huwa obbligat ukoll li jiffirma kull nhar ta' Gimgha bejn it-8:00am u it-8:00pm u gieli minhabba impenji ta' xoghol huwa jkollu jitlaq mix-xoghol biex imur jiffirma.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghall-verbal ta' dawn il-proceduri tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2007 minn fejn jirrizulta li l-ufficjal prosekutur, li investiga ukoll dan il-kaz, ma jarax fic-cirkostanzi prezenti tal-lum li tezisti aktar il-htiega li dawn iz-zewg kundizzjonijiet jibqghu fis-sehh, purche li ghar-rigward safar huwa jigi informat bid-data tat-tluq u tar-ritorn.

Illi jigi umilment imfakkar, li l-esponent mhux biss dejjem attenda ghas-seduti izda sahansitra jattendi wkoll meta ma jkunx notifikat.

Illi in effetti l-esponent ghandu kull interess li dawn il-proceduri jigu konkluzi sabiex b'hekk jerga jistabilixxi b'mod seren il-kuntatt ma bintu.

Ghalhekk l- esponent jitlob umilment lil din l- Onorabbli Qorti jogghobha tvarja d digriet tal-helsien mill-arrest fis-sens illi kull meta l-esponent ikollu bzonn isiefer huwa jkun awtorizzat jaghmel dan purche li jinforma lill-Uficcjal prosekutur bid-data tat- tluq u tar-ritorn u li tigi revokata il- kundizzjoni ta' l- iffirmar u dan kollu taht dawk il-provedimenti u kundizzjonijiet ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi.

**Dr. LL.D.**

*Rikorrent* -